2026/1100

22.5.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1100

tal-21 ta' Mejju 2026

dwar miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-settur tal-ħalib u għas-settur tal-laħam tal-majjal fis-Slovakkja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 220(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), tiegħu,

Billi:

(1) Bejn il-21 ta' Marzu 2025 u l-4 ta' April 2025, is-Slovakkja kkonfermat u nnotifikat sitt tifqigħat tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer. L-ispeċijiet affettwati kienu l-ifrat.

(2) Is-Slovakkja ħadet minnufih, u b'mod effiċjenti, kull miżura tas-saħħa tal-annimali u kull miżura veterinarja meħtieġa skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 ([3]).

(3) Bil-ħsieb li jiġi evitat it-tixrid tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, fil-21 ta' Marzu 2025 is-Slovakkja ħarġet miżura straordinarja ta' emerġenza ([4]) li tipprojbixxi, fit-territorju tagħha, kwalunkwe moviment ta' frat, ta' nagħaġ, ta' mogħoż, ta' ħnieżer u ta' annimali oħra bid-dwiefer mifruqa, inkluż l-annimali tar-razzett.

(4) Barra minn hekk, is-Slovakkja ħadet miżuri ta' kontroll, ta' monitoraġġ u ta' prevenzjoni u stabbiliet żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza ("iż-żoni regolati") skont id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/496 ([5]), (UE) 2025/613 ([6]), (UE) 2025/654 ([7]), (UE) 2025/672 ([8]), (UE) 2025/696 ([9]), (UE) 2025/795 ([10]), (UE) 2025/827 ([11]) u (UE) 2025/1097 ([12]).

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/687/oj).

([4]) Miżura straordinarja ta' emerġenza tal-21 ta' Marzu 2025 MNO-2550/2025.

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/496 tal-11 ta' Marzu 2025 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza interim b'rabta mal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-Ungerija (ĠU L, 2025/496, 12.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/496/oj).

([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/613 tal-24 ta' Marzu 2025 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza marbuta mal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-Ungerija u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/496 (ĠU L, 2025/613, 25.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/613/oj).

([7]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/654 tas-26 ta' Marzu 2025 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza marbuta mal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-Ungerija u fis-Slovakkja u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/613 (ĠU L, 2025/654, 31.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/654/oj).

([8]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/672 tal-31 ta' Marzu 2025 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza marbuta mat-tifqigħat tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-Ungerija u fis-Slovakkja u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/613 (ĠU L, 2025/672, 2.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/672/oj).

([9]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/696 tat-3 ta' April 2025 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/672 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza marbuta mat-tifqigħat tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-Ungerija u fis-Slovakkja (ĠU L, 2025/696, 4.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/696/oj).

([10]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/795 tal-14 ta' April 2025 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/672 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza marbuta mat-tifqigħat tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-Ungerija u fis-Slovakkja (ĠU L, 2025/795, 15.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/795/oj).

([11]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/827 tal-25 ta' April 2025 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/672 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza marbuta mat-tifqigħat tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-Ungerija u fis-Slovakkja (ĠU L, 2025/827, 28.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/827/oj).

([12]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1097 tat-23 ta' Mejju 2025 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/672 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza marbuta mat-tifqigħat tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-Ungerija u fis-Slovakkja (ĠU L, 2025/1097, 27.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/1097/oj).

(5) Is-Slovakkja għarrfet lill-Kummissjoni li l-miżuri tas-saħħa u l-miżuri veterinarji meħtieġa, li kienu ġew applikati biex jitrażżan u jinqered it-tixrid tal-marda, kienu laqtu għadd ta' operaturi u li dawk l-operaturi kienu ġarrbu telf ta' introjtu li ma kienx eliġibbli għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]).

(6) Fis-26 ta' Awwissu 2025, il-Kummissjoni rċeviet talba formali mingħand is-Slovakkja għall-finanzjament parzjali ta' ċerti miżuri eċċezzjonali skont l-Artikolu 220(3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għat-tifqigħat ikkonfermati bejn il-21 ta' Marzu 2025 u l-4 ta' April 2025.

(7) L-implimentazzjoni tal-miżuri tas-saħħa tal-annimali u tal-miżuri veterinarji msemmija fil-premessi 3 u 4 wasslet għat-telf ta' ħalib mhux ipproċessat prodott li ma setax jiġi kkonsenjat minħabba restrizzjonijiet fuq il-moviment u għal żieda fil-kostijiet minħabba perjodi itwal ta' trobbija u ta' tismin tal-ħnieżer, tal-ħnienes u tal-majjali nisa.

(8) Skont l-Artikolu 220(5) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-finanzjament parzjali tal-Unjoni jenħtieġ li jkun ekwivalenti għal 60 % tan-nefqa mġarrba mis-Slovakkja għall-miżuri eċċezzjonali rilevanti ta' appoġġ għas-suq. Jenħtieġ li l-kwantitajiet massimi ta' ħalib mhux ipproċessat u l-għadd massimu ta' annimali eliġibbli għall-finanzjament fil-qafas ta' kull miżura eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni wara li din tiskrutinizza t-talba li rċeviet mingħand is-Slovakkja rigward ir-restrizzjonijiet relatati mat-tifqigħat.

(9) Sabiex jiġi evitat kull riskju ta' kumpens żejjed, jenħtieġ li l-ammonti massimi u l-ammont b'rata fissa tal-finanzjament parzjali tal-Unjoni jkunu bbażati fuq studji tekniċi u ekonomiċi jew fuq dokumenti tal-kontabbiltà u jiġu ffissati f'livell xieraq għal kull annimal u għal kull kilogramma ta' ħalib mhux ipproċessat.

(10) Sabiex jiġi evitat kull riskju ta' finanzjament doppju, jenħtieġ li t-telf li jiġġarrab mill-benefiċjarji ma jiġix ikkumpensat b'għajnuna mill-Istat jew b'assigurazzjoni, u jenħtieġ li l-finanzjament parzjali tal-Unjoni skont dan ir-Regolament ikun limitat għall-annimali u l-prodotti eliġibbli li għalihom ma tkun inkisbet l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/690.

(11) Jenħtieġ li l-livell u d-durata tal-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq previsti f'dan ir-Regolament ikunu limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ biex is-suq jingħata appoġġ. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq japplikaw biss għall-produzzjoni tal-ħalib mhux ipproċessat u l-laħam tal-majjal fl-azjendi li jinsabu fiż-żoni regolati u għad-durata tal-miżuri tas-saħħa tal-annimali u tal-miżuri veterinarji stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u fil-leġiżlazzjoni Slovakka li huma rilevanti għat-tifqigħat.

(12) Sabiex tkun żgurata l-flessibbiltà f'każ li l-għadd ta' annimali eliġibbli għall-kumpens ikun differenti mill-għadd massimu stabbilit f'dan ir-Regolament, li huwa bbażat fuq stimi, il-kumpens jista' jiġi aġġustat sa ċerti limiti, dment li jitħares l-ammont massimu tan-nefqa parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni.

(13) Sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' din il-miżura eċċezzjonali, jenħtieġ li l-benefiċjarji jirċievu malajr l-appoġġ finanzjarju ta' emerġenza. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu żgurati monitoraġġ f'waqtu tal-baġit kif ukoll segwitu aġġornat u użu effiċjenti tar-riżerva għall-agrikoltura, u b'hekk tiġi massimizzata d-disponibbiltà tagħha u tissaħħaħ il-ħila ta' rispons fil-pront għall-kriżijiet emerġenti. Għalhekk, jixraq li jiġi definit perjodu ta' eliġibbiltà biex l-Istati Membri jħallsu dan l-appoġġ lill-benefiċjarji. Kwalunkwe pagament li jsir wara data tat-tmiem speċifika jenħtieġ li jitqies ineliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni.

(14) Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tiffinanzja n-nefqa mġarrba mis-Slovakkja skont din il-miżura eċċezzjonali biss meta tali nefqa ssir sa ċerta data tat-tmiem tal-eliġibbiltà. Għalhekk, jenħtieġ li l-appoġġ għal din il-miżura eċċezzjonali jitħallas sal-31 ta' Ottubru 2026.

([13]) Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014 u (UE) Nru 652/2014 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/690/oj).

(15) Peress li l-pagamenti li jsiru wara l-31 ta' Ottubru 2026 ma jridu jitqiesu eliġibbli fl-ebda ċirkostanza, l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 ([14]), li jipprevedi tnaqqis proporzjonali tal-pagamenti ta' kull xahar li jsiru wara l-iskadenza, jenħtieġ li ma japplikax.

(16) Sabiex jiġu żgurati l-eliġibbiltà u l-korrettezza tal-pagamenti, jenħtieġ li s-Slovakkja twettaq verifiki *ex ante*.

(17) Sabiex jiġi żgurat li s-Slovakkja timplimenta l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament immedjatament, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(18) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Unjoni għandha tipprovdi finanzjament parzjali ekwivalenti għal 60 % tan-nefqa mġarrba mis-Slovakkja biex tappoġġa s-suq tal-ħalib u s-suq tal-laħam tal-majjal li ntlaqtu serjament mit-tifqigħat tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer ikkonfermati u nnotifikati mis-Slovakkja bejn il-21 ta' Marzu 2025 u l-4 ta' April 2025.

Artikolu 2

1. In-nefqa mġarrba mis-Slovakkja għandha tkun eliġibbli għall-finanzjament parzjali tal-Unjoni biss:

(a) għad-durata tal-applikazzjoni tal-miżuri tas-saħħa tal-annimali u l-miżuri veterinarji msemmija fl-atti legali tal-Unjoni u fil-leġiżlazzjoni Slovakka elenkati fl-Anness u marbuta mal-perjodu stabbilit fl-Artikolu 1; u

(b) għal dawk l-azjendi tal-bovini u tal-ħnieżer li jkunu ġew soġġetti għall-miżuri tas-saħħa tal-annimali u għall-miżuri veterinarji u li jinsabu fiż-żoni msemmija fl-atti legali tal-Unjoni elenkati fl-Anness ("iż-żoni regolati"); u

(c) jekk is-Slovakkja tkun ħallset il-kumpens lill-benefiċjarji qabel il-31 ta' Ottubru 2026; u

(d) jekk, għall-perjodu msemmi fil-punt (a), l-annimal jew il-prodott ma jkun ibbenefika minn l-ebda kumpens permezz ta' għajnuna mill-Istat jew assigurazzjoni u li għalih ma jkun irċieva l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/690.

2. L-ebda nefqa tas-Slovakkja li ssir wara l-31 ta' Ottubru 2026 ma għandha tkun eliġibbli għall-finanzjament parzjali tal-Unjoni, irrispettivament mis-sehem tan-nefqa li tirrappreżenta.

Artikolu 3

1. L-ammont massimu tal-finanzjament parzjali tal-Unjoni għandu jkun ta' EUR 2 092 445, kif ġej:

(a) għat-telf marbut mal-ħalib mhux ipproċessat mhux ikkonsenjat prodott fl-azjendi taż-żoni regolati, massimu ta' EUR 65 888 għal massimu ta' 227 915 kilogramma ħalib;

(b) għat-telf relatat mal-perjodi mtawla tat-trobbija u tat-tismin tal-ħnieżer minħabba r-restrizzjonijiet fuq il-moviment fiż-żoni regolati, rata fissa ta' EUR 1,31 għal kull ħanżir kuljum sa massimu ta' 76 673 annimal;

([14]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħrajn, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 95, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/127/oj).

(c) għat-telf relatat mal-perjodi mtawla tat-trobbija tal-ħnienes minħabba r-restrizzjonijiet fuq il-moviment fiż-żoni regolati, rata fissa ta' EUR 0,80 għal kull ħannus kuljum sa massimu ta' 79 198 annimal;

(d) għat-telf relatat mal-perjodi mtawla tat-trobbija tal-majjali nisa li jirriżulta mir-restrizzjonijiet fuq il-moviment fiż-żoni regolati: EUR 3,36 għal kull majjala kuljum sa massimu ta' 1 025 annimal għall-perjodu ta' bejn il-21 ta' Marzu 2025 u t-30 ta' Marzu 2025 u EUR 4,18 għal kull majjala kuljum sa massimu ta' 1 593 annimal għall-perjodu ta' bejn il-31 ta' Marzu 2025 u l-20 ta' Mejju 2025.

2. Meta l-ammont ta' ħalib mhux ipproċessat jew l-għadd ta' annimali eliġibbli għall-kumpens jaqbżu l-għadd massimu ta' kilogrammi ta' ħalib mhux ipproċessat jew ta' annimali stabbilit fil-paragrafu 1, in-nefqa eliġibbli għall-finanzjament parzjali tal-Unjoni tista' tiġi aġġustata għal kull kategorija u taqbeż l-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-għadd massimu għal kull kategorija, dment li t-total tal-aġġustamenti jibqa' taħt l-20 % tal-ammont massimu tal-finanzjament parzjali tal-Unjoni li jissemma fil-paragrafu 1.

Artikolu 4

1. Is-Slovakkja għandha twettaq verifiki amministrattivi preliminari u fuq il-post f'konformità mal-Artikoli 59 u 60 tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]).

B'mod partikolari, is-Slovakkja għandha tivverifika:

(a) l-eliġibbiltà tal-applikant li jkun issottometta t-talba għall-appoġġ,

(b) għal kull applikant eliġibbli: l-eliġibbiltà, il-kwantità u l-valur tat-telf reali tal-produzzjoni,

(c) li l-ebda applikant eliġibbli ma rċieva finanzjament minn sorsi oħra bħala kumpens għat-telf imsemmi fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.

2. Għall-applikanti eliġibbli li jkunu sarulhom il-verifiki amministrattivi, il-kumpens jista' jitħallas mingħajr ma wieħed joqgħod jistenna li jsiru l-verifiki kollha fuq dawk l-applikanti li jkunu ntgħażlu wkoll għall-verifiki fuq il-post. Il-verifiki kollha fuq il-post għandhom isiru sa mhux aktar tard minn 6 xhur wara li jsiru l-pagamenti.

3. F'każijiet li l-eliġibbiltà ta' applikant ma tkunx ġiet ikkonfermata, il-kumpens għandu jiġi rkuprat u għandhom jiġu applikati sanzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 59(1) tar-Regolament (UE) 2021/2116.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Mejju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([15]) Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj).

ANNESS

Lista tal-atti legali tal-Unjoni u tal-leġiżlazzjoni Slovakka msemmija fl-Artikolu 2(1) li jelenkaw iż-żoni u l-perjodi regolati

Partijiet tas-Slovakkja u perjodi stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429, mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u mal-leġiżlazzjoni Slovakka, u definiti f'dawn li ġejjin:

id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/496

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/613

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/654

id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/672

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/696

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/795

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/827

id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1097

Miżura straordinarja ta' emerġenza tas-Slovakkja: MNO-2550/2025